MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Numru 362/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**BRADY VELLA**

**Illum, 18 ta' Ottubru, 2004.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Brady Vella ta' 17 il-sena, bin Terence u Mary Anne nee` Gauci, imwieled Pieta`, nhar 03/05/87, residenti fil-fond numru St. Anthony Carmel Street, Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 220087(M) gie akkuzat:-

Talli fis-27 ta' Dicembru 2003 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa` ghandu hwejjeg

misruqa, fil-forma ta' senter tal-marka Fausti b'numru ta' serje 48841 li jiswa aktar minn mitt lira Maltin (LM100) pero` anqas minn elf lira Maltin (LM1,000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex imexxihom;

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Fausti b'numru ta' serje 48841 jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien ghall-kacca minghajr ma ghandu licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenza ta' l-arma ghal zmien mhux anqas minn sena.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega` wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud iddikjara li inkwantu ghat-talba fit-Tahrika sabiex il-Qorti barra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti l-Prosekuzzjoni m’ghandhiex oggetti x’tesebixxi f’din il-kawza u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba li tirrigwarda l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti. Inoltre iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 37 u 334 (a) tal-Kap. 9, l-artikoli 3 (1A), 9 (1) u 9 (3) tal-Kap. 66 u r-Regolament 7 (a) ta’ l-A. L. 146 ta’ l-1993;

Issib lill-imputat Brady Vella, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Brady Vella ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta’ l-istess imputat, l-eta` ta’ l-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud iddikjara li l-imputat kkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Brady Vella ghall-piena komplessiva ta’ disa` (9) xhur prigunerija u hamsin Liri Maltin (Lm50) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda` ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) mill-lum, l-imputat Brady Vella jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u l-Qorti qed taghti lill-imputat Brady Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti barra il-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti, tenut kont dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud rigward din it-talba kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba.

Finalment il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, tiskwalifika lill-imputat Brady Vella milli jkollu jew milli jottjeni licenza ta’ l-arma ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------